MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 985/2004

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2253/04 fl-ismijiet:**

**Gino u Marie Diane konjugi Mule' Stagno**

**vs**

**Paul Demicoli, Kevin Bonnici, A.I.C. Joseph Falzon, Nick Demicoli Construction Company Limited (C17153), Asfaltar Limited (C8313)**

**Mahrug fl-14 ta' Dicembru, 2004**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat minn Asfaltar Limited fl-20 ta' Dicembru, 2004, li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

1. L-ezekutanti intimati ottenew il-hrug kontra s-sekwestrati fuq imsemmija, inkluzi naturalment is-socjeta' rikorrenti, ghas-somma ta' mija u hamsin elf lira Maltin (Lm15,000) sabiex jizguraw il-pretenzjoni taghhom f'dik is-somma minnhom reklamata bhala *"danni minhabba l-qtil kolpuz ta' Mary Zarb, omm ir-rikorrenti Marie Diane Mule Stagno u tigrif tal-proprjeta', residenza tal-istess mejta Mary Zarb, kif ukoll hsara u telf tal-beni tar-rikorrenti bi htija tal-intimati".*

2. Is-socjeta' ezekutata Asfaltar Limited tissottometti reverentement illi hemm lok ghar-revoka tal-imsemmi mandat ghal kollox jew f'parti minnu ghar-ragunijiet hawn than imsemmija.

3. *A tenur* tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 ma huiex ragonevoli illi l-imsemmi mandat jibqa' fis-sehh ghaliex:-

i. Illi fil-hmistax il-jum qabel ma giet ippresentata t-talba ghall-hrug tal-mandat odjerna, l-ezekutanti Mule' Stagno ma sejhux lill-esponenti sabiex jipprovdi garanzija adegwata sabiex jigi zgurat il-hlas tal-pretenzjoni taghhom *una volta* kanonizzata. Tali nuqqas huwa meqjus fil-Ligi (Artikolu 836(8)(b) Kapitolu 12) bhala motiv ghall-kundanna ta' hlas ta' **penali** lill-ezekutat u jsegwi ghalhekk illi tali nuqqas ghandu jaghti lok ghar-revoka tal-mandat mahrug.

ii. Illi ic-cirkostanzi tas-socjeta' esponenti huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' taghha u dwar il-kapacita' finanzjarja taghha li thallas it-talbiet tal-ezekutanti Mule' Stagno, u din il-qaghda hija maghrufa sew. Dan ukoll huwa meqjus fil-Ligi (Artikolu 836(8)(c) Kapitolu 12) bhala motiv ghall-kundanna ta' hlas ta' **penali** lill-ezekutat u dan il-fatt ukoll ghandu logikament jaghti lok ghar-revoka tal-mandat mahrug.

iii. Illi l-hrug tal-mandat ma huiex ragonevoli ghaliex l-operat tal-imsemmija socjeta' ezekutata Asfaltar Limited fuq is-sit fejn sehh l-imsemmi incident kien insinifikanti u ristrett biss ghal kiri ta' ingenju b'xufier mieghu illi operaw

strettament taht is-sorveljanza u skond id-direzzjonijiet tal-intimati l-ohra tal-mandat.

4. L-ammont kawtelat fil-mandat huwa *prima facie* eccessiv *a tenur* tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 billi:

i. Illi l-esponenti jissottomettu illi skond ma gie allegat mill-imsemmija konjugi Mule' Stagno fir-rikors taghhhom ghall-hrug tal-mandat, il-mewt tal-imsemmija awtrici taghhom Mary Zarb kien kolpuz. Minn daqshekk jsegwi illi skond il-ligi (Artikoli 1031 u 1049 tal-Kodici Civili) l-esponenti ghandhom jirrispondu biss ghal dik il-porzjoni tad-danni dawzati illi giet kawzati mill-istess esponenti. Bil-mandat odjern *pero'* hija kawtelata s-somma ta' mija u hamsin elf lira Maltin (Lm150,000) *cioe'* id-danni kollha riklamati mill-ezekutanti Mule' Stagno ghalkemm – anke jekk (haga kkontestata mill-esponenti) id-danni sofferti attwalment jammontaw ghal dik is-somma, s-socjeta' esponenti tista' biss tigi kundannata thallas dik il-porzjoni ta' tali danni illi tigi eventwalment stabilita bhala kawzati minnha.

ii. Illi *di piu'* s-somma pretiza bhala danni hija eccessiva. Ghalkemm ma huiex car f'dana l-istadju illi d-danni riklamati huma in effett pagabbli lill-ezekutanti jew min minnhom, wiehed jifhem illi f'xi stadju l-intitolament tal-imsemmija konjugi Mule' Stagno jigi ccarat, biss huwa rilevat illi f'kull l-ammont riklamat u kwatelat b'dan il-mandat bhala danni huwa eccessiv u jisboq bil-bosta d-danni attwalment sofferti. Bhala konsegwenza tal-incident (*oltre* l-mewt tragiku tal-imsemmija Mary Zarb) iggarraf il-blokk ossija korp ta' bini illi minnu l-appartament tal-mejta Mary Zarb kien jifforma parti u, l-esponenti tifhem, intilfet l-ghamara u mobbli ohra fl-imsemmi appartament. Mary Zarb kellha madwar wiehed u sittin (61) sena meta mietet u (almenu safejn taf is-socjeta' esponenti) d-dhul taghha kien derivat mill-pensjoni u mill-istipendu taghha mil-lezzjonijiet privati illi kienet taghti. Applikati n-normi ta' komputazzjoni solitament utilizzati, d-danni pagabbli ghall-mewt taghha jkunu ta' ftit eluf ta' liri – fl-aghar ipotezi Lm20,000. Il-blokk shih jista' jerga' jinbena u jitlesta

b'madwar Lm45,000 illi minnhom Lm20,000 jintuzaw sabiex jinbena u jitlesta l-appartament ta' Mary Zarb. Eskluz il-valur tal-mobbli id-danni naxxenti mill-incident huma inferjuri ghal Lm400,000.

5. Huwa rilevat *a tenur* tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 illi hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-ezekutanti. Is-socjeta' rikkorrenti hija propjetarja ta' immobbili illi jistghu jizguraw il-hlas ta' tali pretenzjoni minghajr il-htiega tal-hrug ta' dan il-mandat.

6. Huwa rilevat ukoll *a tenur* tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 l-hrug tal-mandat ma huiex mehtieg sabiex jigu imharsa d-drittijiet tal-ezekutanti. B'effett tal-imsemmi mandat, ma gewx sekwestrati ammonti attivi izda gew biss imwaqfin il-facilitajiet bankarji tas-socjeta' esponenti, notevolment il-facilita' ta' *overdraft* godut minnha mal-Bank of Valletta plc u essenzjali ghaliha sabiex jinghataw lill-Gvern ta' Malta u lill-Awtorita' tat-Trasport, *in konnessjoni* max-xogholijiet fuq toroq fdati lis-socjeta' esponenti. Il-hrug tal-mandat ghalhekk ma jghin xejn sabiex tizgura l-hlas riklamat mill-ezekutanti izda tiddanneggja serjament lis-socjeta' esponenti.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha *a tenur* tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 836 *et seq* tal-Kapitolu 12 tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi ghal kollox jew parti minnu u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jidhru xierqa f'dan ir-rigward.

Rat ir-risposta ipprezentata minn Gino u Marie Diane konjugi Mule' Stagno li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu li t-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi michuda;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-intimata Marie Diane Mule' Stagno hija t-tifla ta' Mary Zarb li mietet fir-residenza taghha kagun ta' tigrif tal-proprjeta' taghha. L-intimata qed tallega li l-fond iggarraf kagun ta' agir kolpuz u negligenti *da parti* tas-socjeta' rikorrenti, kif ukoll ta' Paul Demicoli, Kevin Bonnici, l-perit Joseph Falzon, u Nick Demicoli Construction Company Limited, jew ta' uhud minnhom. Dawn tal-ahhar kienu qed jaghmlu xoghol ta' thaffir u kostruzzjoni fuq sit adjacenti r-residenza ta' Mary Zarb, u qed jigi allegat li l-fond proprjeta' ta' Mary Zarb igarraf b'rizultat ta' dan ix-xoghol li kien qed isir fis-sit adjacenti. L-intimata talbet kumpens minhabba l-mewt ta' ommha, kif ukoll ghall-hsara li sofra l-appartament li fih kienet toqghod Mary Zarb u li, wara l-mewt taghha, allegatament intiret mill-intimata bhala bintha. Peress li hi ma ircevietx il-kumpens li talbet, fethet kawza biex s-socjeta' rikorrenti u l-persuni l-ohra aktar qabel indikati, jigu kollha jew min minnhom dikjarati responsabbli ghal-mewt ta' Mary Zarb u ghad-danni li gew kkaggunati, u jhallsu d-danni likwidati. Ma' din il-kawza, l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru numru 2253/04, biex tikawtela l-pretensjoni taghha ghad-danni li, ghal-fini tal-mandat, gie likwidat fis-somma ta' Lm150,000. Ghalkemm dan il-mandat inhareg fil-konfront tal-persuni kollha li, skond l-intimata, kienu involuti fil-mewt ta' ommha u l-hsara fil-proprjeta', sa issa jidher li hija biss s-socjeta' Asfaltar Limited li talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru imsemmi u dan ghal-diversi ragunijiet. Bazikament, din is-socjeta' qed titlob it-thassir tal-mandat fuq il-bazi li:

(a) il-hrug tieghu ma kienx precedut b'talba ghal-ghoti ta' garanzija adegwata;

(b) m'ghadux ikun hemm dubju dwar il-likwidita' taghha, b'mod li allura wkoll tezisti garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretenzjoni tal-ezekutanti;

(c) l-involviment tas-socjeta' rikorrent fix-xogholijiet li kienu qed isiru kien wiehed *"insinifikanti"*, u allura m'ghandhiex taghmel tajjeb ghad-danni kollha pretizi;

(d) s-somma pretiza hi, f’kull kaz, eccessiva.

Illi fuq l-ewwel ilment, ghandu jinghad li l-ligi ma tirrikjedix li, qabel ma jintalab il-hrug ta’ mandat, ikun hemm sejha ghal-ghoti ta’ garanzija. Lanqas l-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jikontempla t-thassir ta’ mandat ghax ma jkunx precedut b’talba ghal-hlas. Ir-rekwizit ghas-sejha tinsab elenkat fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 u dana f’kuntest ta’ imposizzjoni ta’ penali f’kaz li mandat kawtelatarju ma jigix precedut b’sejha ghal-hlas tad-dejn jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta’ bizzejjed. Issa, fil-fehma ta’ din il-Qorti, fil-waqt li nuqqas taht l-artikolu 836(8) jista’ jaghti lok ghal kundanna ta’ penali, ma jfissirx li l-mandat huwa necessarjament null jew revokabbli, u dana *in kwantu* ir-revokabilita’ tohrog biss mic-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(1) u imkien, f’dan is-subartikolu, ma hemm indikat bhala cirkostanza in-nuqqas ta’ interpellazzjoni. Is-socjeta’ rikorrenti tissottometti li n-nuqqas ta’ interpellazzjoni, la darba taghti lok ghal-imposizzjoni ta’ penali, ghandha wkoll tfisser li ma kienx ragonevoli li jintalab il-hrug tal-mandat.

Il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni, peress li kienx hemm jew le interpellazzjoni ghal-hrug bl-ebda mod ma jincidi fuq ir-ragonevolezza jew le tal-mandat. Jista’ jkun li kreditur ikollu ragunijiet bizzejjed u sufficjenti biex jitlob il-hrug ta’ mandat kawtelatorju, izda jekk jghagel aktar milli hu mehtieg biex jitlob il-hrug tieghu, jista’ jkun possibbli ghal-hlas ta’ penali, izda dan ma jwassalx ghal-konsegwenza li l-mandat innifsu huwa revokabbli. Fil-fatt, l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 jitkellem biss fuq il-gustifikazzjoni <u>tal-ammont </u>kawtelat bil-mandat, u ma hemm xejn fl-istess subartikolu (1) li jista’ jorbot ir-revokabilita’ tal-mandat mal-interpellazzjoni. *Inoltre*, fejn il-ligi titkellem fuq ragonevalizza jew htiega tal-mandat (artikolu 836(1)(f), ma tirriferix ghaz-zmien precedenti l-hrug tal-mandat, minna tawtorizza lill-Qorti tirrevoka l-mandat jekk ma jkunx ragonevoli li jibqa’ jinzamm fis-sehh, jew jekk mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. Dawn huma kollha konsiderazzjonijiet ta’ cirkustanzi li principalment ikunu sehhew <u>wara</u> l-hrug tal-mandat, u

ghalkemm, f'kazijiet kongrivvi, dak li jsehh jew ma jsehhx qabel il-hrug ta' mandat jista' jwassal lill-Qorti tikkonkludi li mhux ragonevoli li l-mandat jibqa' aktar fis-sehh (per ezempju, peress li d-debitur ikun offra l-hlas b'*cheque* li gie rifjutat minghajr gustifikazzjoni), din il-konsegwenza ma tistax titnizzel b'mod awtomatiku minhabba semplici nuqqas ta' interpellazzjoni, sakemm, forsi, id-debitur ma jurix, b'mod konvincenti, illi, kieku saret interpellazzjoni kif trid il-ligi, dan in-nuqqas, ikkunsidrat wahdu, ma jistax iwassal ghar-revoka tal-mandat *in kwistjoni*.

Is-socjeta' rikorrenti tallega wkoll li m'ghandux ikun hemm dubju dwar il-likwidita' taghha, u *inoltre* li ghandha bizzejjed assi biex, f'kaz ta' kundanna, thallas dak li jkun dovut. Is-socjeta' rikorrenti, *pero'*, ma ressqet ebda prova dwar x'assi tippossjedi, dwar il-valur taghhom, u, f'kaz, ta' immobbli, jekk dawn humiex milquta b'xi ipoteka jew previlegg li jnaqqsu l-valur taghhom ghat-terz. Hu veru li la s-socjeta' rikorrent inghatat facilita' ta' *overdraft* minn Bank lokali, hu probabbli li din il-facilita' tkun garantita b'xi assi li ghandha s-socjeta' rikorrenti, *pero'*, l-entita' u l-valur tal-assi ma gewx indikati, u l-fatt li hi kellha bizzejjed assi biex tissodisfa l-htigijiet tal-Bank ghal garanzija, ma jfissirx li ghandha bizzejjed assi ohra biex jaghmlu tajjeb ukoll ghal-kreditu pretiz mill-intimati. Hu x'inhu, s-socjeta' rikorrenti ma ressqet ebda prova biex issostni l-allegazzjoni taghha li m'hemmx dubju *"dwar il-likwidita' taghha"* u/jew tezisti xi garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretenzjoni tal-intimati. *Kwindi*, it-talba, *in kwantu* hija bazata fuq dawn il-kawzalijiet ghandha tigi michuda ghax mhux sostwita.

Fit-tielet lok, is-socjeta' rikorrenti tqies li l-involviment taghha kien, f'kull kaz, wiehed insinifikanti u, ghalhekk, m'ghandhiex taghmel tajjeb ghad-danni kollha pretizi. Il-Qorti lanqas ma din is-sottomissjoni ma tista' taqbel. Ir-rwol tas-socjeta' rikorrenti ghad irid jigi determinat fil-gudizzju fil-meritu, u l-Qorti ma tistax, f'dawn il-proceduri, tiddeciedi minn issa li l-operat taghha kien insinifikanti. Hu veru li, milli jidher, l-involviment taghha kien ristrett biss ghal-kiri ta' ingenji b'xufier mieghu, *pero'*, jekk jirrizulta li l-hsara grat b'rizultat tal-uzu ta' dak l-ingenju

mix-xufier, l-involviment taghha, jkun importanti u materjali, u zgur mhux insinifikanti. Anke jekk jirrizulta xi tort tax-xufier, ma jistax jigi eskluz minn issa r-responsabilita' tas-sid *a bazi* ta' culpa *in eligendo*. Fuq kollox, lanqas ma jista jigi eskluz *a priori* li l-Qorti ma tkunx tista' taccerta l-grad ta' responsabilita' ta' kull min, b'xi mod, kien involut, f'liema kaz jista' jkun hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 1050 tal-Kodici Civili li jiddisponi li, f'dan il-kaz, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament. *Kwindi,* ma jistax jigi eskluz li, anke jekk l-involviment tas-socjeta' rikorrenti jirrizulta li kien wiehed insinifikanti, li hi xorta wahda tkun responsabbli ghal-hlas tal-hsara kollha fil-konfront tal-intimati.

Fl-ahhar lok, is-socjeta' rikorrenti tilmenta li, f'kull kaz, is-somma kawtelata hi eccessiva. Kif intwera, l-intimati talbu l-hrug tal-mandat *in kawtela* ta' Lm150,000, kwantu ghal Lm91,000 circa *dannum emergens* (valur tal-appartament u l-mobbli) u kwantu ghal-bilanc *lucuns cessans*, *a bazi* tal-fatt li d-*de cujus* kienet taghti lezjonijiet fuq bazi ta' privat u kellha dhul ta' circa Lm5,000 fis-sena. Il-Qorti tqies li l-figura kawtelata tidher li hi ftit eccessiva. Il-fond *in kwistjoni* kien appartament fi blokk bini, u ghalkemm il-Qorti m''handhiex indikazzjoni ta' x'tip ta' ghamara kien hemm fil-fond, la darba ma giex indikat lilha li l-ghamara kienet antika ta' certa kwalita' li tapprezza fil-valur maz-zmien, tqies li l-figura globali ta' madwar Lm91,000 hija ftit eccessiva. Dwar il-*lucrum cessans*, hu veru li d-*de cujus* jidher li kellha dak id-dhul (li ghad irid jigi pruvat), *pero'*, meta tqies li hi kellha 61 sena meta mietet u l-grad ta' dipendenza tal-intimata kien wiehed baxx (mara mizzewga li tiddependi ghal-ghixien taghha fuq hidmitha, jekk tahdem, u ta' zewgha, u mhux fuq hidmiet ommha) ma hux prospettat li dan ikun wiehed gholi (ara, bhala ezempju tal-mod kif jigi kkalkulat il-kumpens f'sitwazzjonijiet kongrivi l-kawza <u>"Agius vs Fenech"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2003, u <u>"Turner vs Agius"</u>, deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2003). *Kwindi*, l-Qorti thoss li,

mehud kont tal-fattispecie tal-kaz, u minghajr ma qieghda bl-ebda mod tippregudika l-interessi tal-partijiet f'din il-kawza, somma ta' Lm110,000 kawtelata tkun *prima facie* aktar ragjonevoli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' *in parte* it-talba tar-rikorrenti, billi *a bazi* tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12 tqies li l-ammont kawtelat jidher li huwa *prima facie* eccessiv, u *kwindi* tordna li, fil-konfront biss tas-socjeta' rikorrenti Asfaltar Limited, il-Mandat ta' Sekwestru numru 2253/04 mahrug minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru, 2004, ghandu jigi limitat u jkollu effett biss ghas-somma ta' Lm110,000, u b'hekk tirrevoka u thassar il-mandat *in kwistjoni*, *in kwantu* jista' jolqot somma *in eccess* ta' Lm110,000.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------